# XI ISMIJIET TA' TOROQ *fil-Qrendi*



Hsibt li jkun xieraq li minn din is-sena naraw x'tifsira għandhom l-ismijiet ta' xi wħud mit-toroq li nsibu fil-Qrendi, biex hekk il-Qrendin, u wisq aktar ir-residenti tat-toroq imsemmija, jkollhom tifsira ċara ta' l-isem tat-triq tagħhom.

**Triq il-Biżantini**

Din qiegħda tfakkar meta fis-seklu ħamsa, Malta kienet taħt il-ħakma tal-Biżantini.

Dawn iffurmaw ruħhom wara l-qerda ta'l-Imperu Ruman tal-Punent mill-vandali u l-Goti. Hawnhekk, l-imperatur Kostantinu waqqaf l-imperu f'Kostantinopli minflok f'Ruma.

Għalkemm dan il-perjodu ta' storja hu xott ħafna, f'dan iż-żmien Malta għaddiet minn ġrajjiet li jkun ta' interess li nsemmuhom bħal meta fis-sena 553, l-Isqof ta' Malta, Ġuljanu kien f'Kostantinopli u ffirma digriet fil-preżenza tal-Papa Vigilio, li permezz tiegħu ġiet ikkundannata l-ereżija tal-Monofeżiti li kienu qed jgħidu li Kristu kellu biss natura waħda.

F'dan iż-żmien ukoll (fis-sena 731) Malta għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-patrijarka ta' Kostantinopli wara l-kwistjoni li kienet qamet bejn il-Papa u l-imperatur Ljun III.

Nistgħu ngħidu li l-unika tifkira ta' żmien il-Biżantini huwa wieħed mill-bibien ta' l-Imdina magħruf bħala "Il-Mina tal-Griegi" kif ukoll il-pjazza żgħira li nsibu wara dan il-bieb li jingħad li din hi tipikament Griega.

**Triq in-Normanni**

Dan it-tifkira qiegħda tfakkar lil dawn il-mexxejja li ġew Malta fis-seklu ħdax.

In-Normanni, qabel niżlu fl-Ewropa, minn dawk l-inħawi madwar l-ibħra tat-Tramuntana magħrufa bħala Skandinavja kienu nies bla ebda kultura, baħħara avventurużi, nofshom slavaġ, imma fl-istess ħin intelliġenti u gwerriera mill-aqwa, għajjura għall-progress, għall-ġid, għar-reliġjon u għad-dixxiplina li kienu jaraw f'nies oħra.

Dawn l-ambizzjonijiet ressquhom lejn suċċessi kbar u rebħiet madwar id-dinja kollha.

Marbuta ma' ġrajjiet artna huma Ruġġieru I u Ruġġieru II. Fis-sena 1090, Sqallija kollha barra Noto waqgħet taħt in-Normanni, u billi Malta hi qrib, ftit wara il-Konti Ruġġieru qasam għall-gżejjer tagħna u ħatafha minn taħt idejn l-Għarab.

L-insara ġew mogħtija l-libertà.

In-Normanni kienu liberali ħafna, la qerdu id-drawwiet ta' pajjiżna, la ndaħlu fit-twemmin ta' missirijietna u lanqas fixklu l-lingwa ta' gżiritna.

**Triq l-Anġovini**

Dan l-isem ġej minn Karlu ta'Anġu li r-Rumani kienu ħatruh Senatur ta' belthom.

Aktar tard, il-Papa Klement IV fis-sena 1266 ħatru Sultan ta' Sqallija, iżda ftit wara nqatel f'taqbida li saret f'Benevento kontra l-mexxej Manfredi.

Karlu iżda kellu bosta segwaċi u dawn bdew jiġu magħrufa bħala Anġovini. Malta għaddiet taħt dawn in-nies bħala rigal talli taw l-għajnuna tagħhom fil-battalja li kienet saret kontra l-alleati ta' Corradino f'Tagliacozzo. Taħt l-Anġovini, Malta baqgħet tintuża bħal qabel għat-trobbija u x-xiri tal-falkuni u l-leopardi. Kienu l-Anġovini li fis-sistema monetarja flok l-Awgustea daħħlu l-Karlin, b'tifkira ta' Karlu ta' Anġu.

**Triq Rokku Buhagiar**

L-isem ta' din it-triq qiegħda tfakkarna f'wieħed mill-aħjar pitturi li kellha Malta u li għex bejn l-1725 u l-1805.

Ħalla warajh wirt kbir artistiku fil-mużewijiet u f'bosta knejjes bħal dawk ta' Bormla, Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta u tant oħrajn.

Ir-rabta tiegħu mal-Qrendi kienet permezz tal-kwadru titulari l-qadim li tneħħa meta sar il-kwadru ta' Calì, iżda b'danakollu l-kwadru ta' Rokku Buhagiar għadu meqjum fis-sagristija.

Kif rajna l-ismijiet ta' dawn l-erba' toroq għandhom marbuta magħhom episodji u persunaġġi differenti marbuta ma' ġrajjiet artna, u li fihom il-Qrendi kellu sehem kbir u mportanti.

Fil-programm ta' sena oħra naraw aktar ismijiet u nagħtu aktar tifsiriet tagħhom.



*Tony Terribile*